jikteb fis-sens letterarju. l-iżjed għall-poeti żgħażagħ, iż-żmien kien imwiegħer billi l-Musi, tfajliet minn surithom ġwejda, li jgħixu fit-tbissim tas-sliem u jgħannu qalbhom u ħsiebhom fuq l-arpi u l-kitarri ma jafux iqabblu r-ritmu tal-versi mat-tifqigħ tal-bombi u tal kanuni.

Iżda l-lum li n-nies, għalkemm imxerrda, ftit jew wisq, tajjeb jew ħażin, sabet postha, u reġgħet twettqet ġmielha n-nisġa tal-ħajja soċjali u kummerċjali, rajna li ma għandniex għalfejn nieqfu iżjed, u bit-tħabrik tas-Segretarju l-ġdid, is-Sur Ġużê Chetcuti, 'Il-Malti' sa jarġa' joħroġ bħal qabel.

U jalla din tkun xhieda illi aktar mill-qilla tal-ġlied, mit-theddid ta' li hemm mostur u mid-dwejjaq ta' min irid jaħdem fil-bogħod minn daru, hu samm il-jedd u kbira l-imħabba tal-Lsien Malti għall-Maltin.

## *PAX BRITANNICA*

*Xewqa oħra ma għandix għajr li xħin jarġa'*
*Jixref id-dawl tas-sliem u ara dil-gwerra,*
*Għal dejjem tmut ir-regħba ta' l-egħdewwa,*
*U jkollha rebħ u paċi l-Ingilterra.*

* * * *

# IT-TABIB ĠUŻÈ BONNICI

*Nhar il-Ħadd, 6 ta' Ottubru, fid-9 ta' fil-għaxija, il-ħbieb tal-Lsien Malti ġarrbu telfa kbira li mhux la kemm tissewwa: miet it-Tabib Ġużè Bonnici.*

Min, ftit jew wisq, ma mexiex ma' l-istorja tal-lsien Malti kif qed tissawwar u kif qed tinħadem il-lum, ma jifhimx x'qatt seta' kien, u x'baħħ ħalla wrajh, Ġużè Bonnici. Iżda min għex miegħu u ħadem miegħu fil-baħar tal-ħajja, daqqa sabiħ u safi, u daqqa mmewweġ u qalil; min, b'ruħ waħda u qalb waħda, ingħaqad miegħu bil-ħalfa li jmexxi 'l quddiem l-Ilsien li hu tagħna, jaf biżżejjed x'kienu jsarrfu l-imħabba, id-dehen u l-enerġija tiegħu. Kull fejn kien ikun hemm laqgħa ta' ħbieb jitkellmu fuq il-Malti, kont issibu qalbhom; kull meta kienet tinħtieġ xi għajnuna sabiex il-Malti jikber u jixxerred, kont issibu minn ta' quddiem li jidħol għaliha; kull meta kienet issir xi laqgħa tax-'Xirka' jew tal-'Għaqda', kont issibu hemm minn ta' l-ewwel, jitkellem, ifisser, u jara x'joħloq li jista' jagħmel il-ġid u jxerred fil-qalb tal-ġens Malti l-Ilsien li, jien naf, kemm ħadem u kemm seffaq wiċċu għalih.

U issa, meta kien qed iseħħ l-idijal li għalih ħadem, Bonnici ħalla dan il-wied ta' dmugħ biex igħix il-ħajja tal-paċi fis-Sema.

Imma, Ġużè Bonnici ma hux mejjet! Hu beda jgħix il-ħajja ta' l-immortalità. Għalina li nafuh qatt ma jista' jgħaddi minn moħħna li Bonnici mejjet. Għadna qed narawh qisu magħna, jaħdem magħna—u x'ħidma ta' taħbit! It-taħbit ma kienx jaqtagħlu qalbu; aktar ma kien jitħabat aktar kien jifraħ, għax kien żgur li akbar ser tkun ir-rebħa. Għadna narawh quddiemna b'dik il-pinna qawwija u bieżla jfisser ħsebijietu u jagħtihom lill-qarrej, bla tqanżiħ u bla tiġbid. Għadna naraw ismu mitbugħ fl-ogħla rivisti maltin u fl-aħjar kitba bil-Malti.

Hu mhux bħall-kotra tal-bnedmin għex biex igħix. Hu ma riedx li jgħix għalih waħdu u li jżomm dak li jaf għalih, imma ried li jgħallmu lil ħaddieħor u b'dik il-ħidma u b'dak it-tagħlim jagħmel il-ġid lil għajru. Għalhekk narawh, stu-dent fl-Università, mgħobbi bix-xogħol tqil li jitolbu l-istudji